"Mikelin! Nista' nkun naf għalfejn għandek dawn il-fliexken tal-luminata kollha fil-gwardarobba?"



Missier Mikelin kien qed iħokk rasu quddiem il-gwardarobba, ma jistax jifhem dak li kien qed jara.



“Erm, e … papà, iva papà għax …” qallu Mikelin.



U Mikelin beda jirrakkonta l-istorja ta’ għaliex kellu l-fliexken tal-luminata fil-gwardarobba.



Mikelin, it-tifel li jħobb jistaqsi, jaqra u jiekol il-pizza, iħobb ukoll l-ispazju. Għandu kurżità kbira x'hemm f'dak is-sema li daqqa jkun ikħal u daqqa jkun griż jew sewdieni. U billejl, Mikelin jintasab ħdejn il-bieb tat-terrazzin f'kamartu. Hemm joqgħod jimmaġina li qiegħed itir qalb il-kwiekeb.